Verżjoni Elettronika

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,461, 1 ta' Lulju, 2025

Taqsima B

A.L. 114 tal-2025

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinament tal-2025 biex jemenda l-Ordinamenti tal-2023 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għall-Grad ta' Bachelor of Commerce - B. Com. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Ekonomija, il-Management u l-Accountancy

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dan l-ordinament magħmul mill-Bord tal-Fakultà tal-Ekonomija, il-Management u l-Accountancy bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġie approvat mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dan l-ordinament jista' jissejjaħ bħala l-Ordinament tal-2025 biex jemenda l-Ordinamenti tal-2023 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għall-grad ta' Bachelor of Commerce - B.Com. - u għandu jinqara u jinftiehem bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2023 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għall-grad ta' Bachelor of Commerce - B. Com. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Ekonomija, il-Management u l-Accountancy, ippubblikati bħala Avviż Legali 236 tal-2023, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dan l-ordinament għandu japplika għall-korsijiet li jibdew minn Ottubru 2025 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafu (1) tal-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"3. (1) Il-Grad ikun offrut f'żewġ oqsma ta' studju prinċipali minn dawn li ġejjin:

Accountancy; Banking, Finance, and Investments; Economics; Insurance and Risk Management; Business and Enterprise Management; Marketing; Policy Studies; Tourism Management; u kwalunkwe qasam ieħor approvat mis-Senat fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord."